ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

**Minuti tat-tmenin laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter**

It-80 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter saret nhar il-Ħamis 7 t' April 2016 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Item 1 – Attendenza u apoloġiji

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sur Mario Bartolo, il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Luciano Farrugia u l-membri s-Sur Norman Clews, is-Sur Joseph Agius u s-Sur Nicholas Azzopardi.

Item 2 – Approvazzjoni tal-minuti

Fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia, il-Kumitat Amministrattiv approva unanimament il-minuti tad-79 laqgħa tal-Kumitat.

Item 3 – Mistoqsijiet u affarijiet mill-minuti

Is-Sur Azzopardi rrefera għan-nuqqas ta' attendenza tiegħu għal-laqgħat tal-Kumitat u spjega li r-raġuni li ma kienx attenda għall-aħħar laqgħat tal-Kumitat kien minħabba mpenji personali oħra li ma setax ma jattendix għalihom fosthom Jum il-Gradwazzjoni.

Item 4 – Korrispondenza

Dwar il-korrispondenza li l-Kumitat kien kiteb lill-Ministru Joe Mizzi dwar il-ħtieġa li Triq iż-Żarżarell, Triq in-Naħla u Triq il-Werżieq jingħataw it-tarmak, il-Kumitat qabel unanimament fuq proposta tas-Sur Bartolo li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia, li jerġa' jikteb lill-Ministru konċernat biex dawn it-toroq jiġu rranġati.

Dwar l-approvazzjoni li kienet ingħatat biex isiru *road humps* fi Triq Dun Salv Sciberras, il-Kumitat qabel unanimament fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata miċ-*Chairperson*, illi jevalwa l-approvazzjonijiet li ngħataw biex jiġi deċiż fejn għandhom isiru r-*road humps* f'din it-triq.

Item 5 – Xogħol tal-Kumitat

Is-Sur Farrugia tkellem dwar il-*parking bays* li kienu saru fi Triq l-Għakrux u ppropona li uħud minn dawk li saru fuq iż-żewġ naħat tat-triq, għandhom jitneħħew għax bihom inħoloq periklu u nkonvenjent speċjalment għas-sewwieqa.

Is-Sur Farrugia fakkar ukoll dwar il-ħtieġa li jinbeda l-proċess biex isir *bus shelter* ġdid fi Triq l-Għakrux fil-viċinanzi ta' Triq in-Naħla minflok is-*soft area* li qiegħda sservi ta' *dumping site*.

Item 6 – Affarijiet oħra

Dwar it-talba għal *road hump* fi Triq San Leonardu u l-blokki tal-konkos li tpoġġew fi Triq l-Għakrux ma' Triq Dun Salv Sciberras, iċ-*Chairperson* qal li kien ser ikompli jagħmel pressjoni biex dawn iż-żewġ ilmenti jiġu ndirizzati.

Iċ-*Chairperson* qal li kien tkellem ma' resident minn Triq il-Farfett tal-Fejġel dwar ilma li kien qiegħed iżomm maġenb il-ġibjun li hemm fit-triq. Iċ-*Chairperson* ippropona li jinfetaħ il-ġibjun u jekk hemm bżonn jitnaddaf u jittella' xi ilma li jista' jkun hemm fih.

Is-Sur Agius qal li kien inbeda x-xogħol fuq il-ħajt ġdid fi Triq il-Berebies. Is-Sur Farrugia qal li għalkemm huwa tajjeb li qiegħed isir dan il-ħajt, jeħtieġ li jitnaddaf materjal li kien akkumula f'dan is-sit u b'hekk jitnaddaf wara l-ħajt biex titnaqqas l-possibilità li jintefa' aktar skart.

Iċ-*Chairperson* qal li kien ser isir *resurfacing* tat-trejqa madwar il-*playing field* peress illi l-ħsara li hemm li ma tistax tiġi rranġata bil-*patching*. Is-Sur Farrugia qal li filwaqt li jaqbel li jsir dan ix-xogħol, qiegħed jipproponi li tiġi mibdula wkoll l-bankina li hemm maġenb il-bandli. Is-Sur Agius issekonda l-proposta tas-Sur Farrugia u l-Kumitat qabel unanimament li jsir dan ix-xogħol.

Is-Sur Farrugia semma l-possibilità li fit-*traffic island* li hemm fil-bidu ta' Triq l-Għakrux isir arblu bil-bandiera li tirrappreżenta l-Kumitat Amministrattiv u li tindika ż-żona ta' St Peter.

Il-laqgħa spiċċat fis-7:15 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-81 laqgħa tal-Kumitat li saret nhar il-Ħamis, 5 ta' Mejju 2016.

Mario Bartolo
*Chairperson*